MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Talba Numru. 633/2007

**Talba Nru: 633/07 PBC**

**Il-Prim Imhallef Emeritus**
**Professur Giuseppe Mifsud Bonnici – I.D. 258332(M)**

**-vs-**

**Jason Abela**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ mija u erbgha u sebghin Euro u sebghin centezmu (€174.70) – (Lm75) liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma’ hames skadenzi ta’ hmistax-il lira Maltin (Lm15) wahda rata ta’ subcens dovuti kull sena bil-quddiem lill-attur u dan mill-4 ta’ Mejju, 2003 sat-3 ta’

Mejju, 2008 tal-appartament 6, f'‘Dolphin House’ fi Triq il-Halel, San Pawl il-Bahar, Bugibba u li ghalhekk jinsab moruz fil-pagament tas-subcens. Bl-ispejjez tal-ittra ufficjali datata 8 ta’ Mejju, 2006 numru 2838/06, inkluzi l-ispejjez tal-affissjoni datata 2 t’ Awissu, 2006.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mija u erbgha u sebghin Euro u sebghin centezmu (€1,74.70) – (Lm75) bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------